***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

**It-Tlieta 16 ta' Settembru 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku

Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**16.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjorina Janice Falzon.

**16.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 15 li saret Nhar it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab sabiex paġna 4 paragrafu 15.3 l-ewwel sentenza titneħħa.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba daħlet għal-laqgħa fis-6.06pm.***

16.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 15 li saret Nhar it-Tlieta 19 ta' Awwissu 2025:**

16.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 15.3.1 rigward l-ittra li ntbgħatet lir-Reġjun fuq l-iskart.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-kontenut tal-ittra li bagħat li saħaq li dan huwa wieħed mill-iktar servizzi importanti li jingħata lir-residenti u huwa ferm importanti li la dan is-servizz huwa taħt ir-Reġjun, għandu jara li dan il-kuntrattur qed jaderixxi mal-kundikzjonijiet li għandu fit-tender. Jekk il-kuntrattur ser jibqa jonqos milli jindirizza l-problemi li aħna bħala kunsill qed inresqu lir-Reġjun, għandom jittieħdu il-miżuri kollha. Huwa qal li bħala Kunsilliera apparti il-Kunsillier John B Camilleri u s-Sindku kien ikun aħjar kieku kkumentaw ukoll fuq imejl tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li ser tikkummenta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li waħda mill-problemi prinċipali huwa nuqqas ta infurzar mill-entitajiet ikkonċernati. Huwa qal li it-trakkijiet ma għandhomx camera u hija problema. Li lanqas ikollhom xkupa hija problema ukoll, imma bħala residenti jekk mhux ser jkun hawn infurzar ser jibqu jabbużaw ukoll.

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-każijiet li qed jkollna fil-lokal ikkaġunati mir-*runner* tal-kunrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa importatni li joħorġu id-*default notices* mir-Regjun.

Is-Sindku qal li waħda mill-problemi hija li r-*runner* għandu direttiva mill-kuntrattur illi jekk ikun ammont ta' boroż akkumilati mhux impoġġija quddiem ir-residenza tagħhom dawn ma jinġabrux.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-Reġjun mhux qed jirrispondi il-mistoqsijiet tiegħu, bħal li vetturi tal-kollettur mhux Euro6 u lanqas huma mgħamra b'cameras tad- datatrak.

Is-Sindku qali li t-Tnejn u l-Ġimgħa minn nofsinhar il-quddiem huma l-iktar il-problemi li għandna. Huwa saħaq fuq l-importanza tal-infurzar min naħa ta' ERA, LESA u Pulizija.

Id-diskussjoni tkompliet anke fuq il-problema li kellna tat-*tipping fees* li kienu għolew ħafna għaliex kien qed jinġabar skart minn stabbilmenti u jintrema fuq isem il-Kunsill. Huwa qal imma issa din il-problema mhux tal-Kunsill u ir-reġjun qed jħallas it-*tipping fees.*

- Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal-laqgħa fis-6.14pm.

16.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 15.7.4 fejn qal li trenġaw xi bandli fi Ġnien Alfred Debono iżda qal li hemm it-tapit ta' Pjazza Mifsud Bonnici li jinsab fi stat ħażin ħafna u ta periklu li huwa tal-opinjoni li jekk ma ssirx manutenzjoni immedjata għandu jingħalaq parti minn.

Il-Kunsill qabel illi jinbidlu r-*rubber matting* il-ħażin li hemm u sadanitant napplikaw għal fondi tal-UIF sabiex jinbidel kollhu. Is-segretarju Ezekuttiv qal li ser jitlob lil Perit sabiex japplika.

16.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 9 artiklu 15.9.1 rigward skips tal-ħwienet jekk kelniex risposta mingħand l-MTA rigward l-intiena tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal il-ħwienet jitfu l-iskart tagħhom f'dawn l-iskps però mhux qed jħallsu sabiex jitbattlu kulljum.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li dawn jew għandhom jitbaqtlu kulljum jew jitneħħew għaliex jintnu ħafna.

Is-Segrtarju Eżekuttiv ċempel lil kuntrattur li jbattal dawn l-iskips tal-ħwienet fi Triq ix-Xatt u l-bandli u staqsih jekk l-iskips humiex kollha tiegħu u kemm il-darba jitbatlu.

Il-kuntrattur ikkonferma li fil-bandli 2 klijenti għandu u triq ix-Xatt għandu 3 u jitbattlu it-Tnejn l-Erbgħa il-Ġimgha u l-Ħadd. Huwa ikkonferma illi ż-żewġ stabbilimenti tal-ħut mhux hu jiġborhom

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil kuntrattur illi darba fil-ġimgħa jbiddilhom l-iskip u jiċċarġjahom tagħhom. Huwa qal li tal-kuntrattur Antoine għandu l-istickers magħhom izda milli jidher hemm kuntrattur iehor.

16.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 10 l-ewwel paragrafu fuq iċ-ċumnija li għamlu ġot taraġ ġo Triq Sant Anna jekk għandiex risposta.

Is-Sindku qal li ċ-ċumnija diġà kienet hemm iżda ma kienetx stainless steel però huwa ikkonferam li kabbara 2 pulzieri però qallu li ser jnaqqasa u fil-fatt hekk għamel.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal-laqgħa fis-6.30pm.***

16.2.2.5 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 15.2.2.3 rigward il-laqgħa li kellu mal-Onor Bedingfield rigward il-latrina ta' Żonqor fejn ser jikkunsidraw il-talba tagħna, però ser nerġghu nikkonfermaw illi huma ser jgħamlu l-bini u aħna il-finishes. Huwa qal ukoll li talab li kif jkunu *referbushed* il-latrini għandna jkollna l-*attendant*. Huwa qal li is-Sur Ramon Deguara qal li mhux ser taħdem hekk però huwa wieġbu li xorta nixtiequ nipruvaw u la naslu għalija nerġu niddiskutu mieghu.

Is-Sindku qal ukoll li Sid ic-Cerviola Hotel ikkonferma illi il-finishes tal-latrina ta' taħt il-Knsija ser jisponserjahom huwa u dan bix-xogħol b'kollox.

16.2.2.6 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 15.2.2.10 rigward il-Karnival fejn qal li mar tajjeb ħafna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jikteb lid-dipartiment sabiex aħna nkunu ikkunsidrati għal-iskema tal-Karnival avolja tagħna jsir fis-Sajf.

16.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 15.3.2 rigward l-iskips ta' ħdejn Villa Sant Anna li tneħħew għax qed jiġu abbuzati u ppropona li ghal dawn it-3 xhur iħallu l-cameras umbgħad jiġu diskonettjati.

16.2.2.8 Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 15.7.10 rigward servizzi.gov ġewwa l-Kunsill fejn qal li dawn mhux ser jsiru ġol Kunsill għaliex ma għandiex spazju biżżejjed. Dawn iridu apprat tal-cameras eċċ.

16.2.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 paragrafu 15.2.2.7 jekk għandiex risposta fuq it-*traffic lights* ta' Bellavista.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għanda ser issir il-laqgħa mal-Misitru Bonnet u ser tiġi diskussa din il-materja

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li tal-Go jew kuntratturi taghhom għamlu gandott quddiem it-trigon stationery u ma melewhx sew fi Triq La Sengle ma Pjazza Dun Tarċis Aguis.

16.2.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 paragrafu 15.2.2.8 jekk tawniex data ghal-laqgha mal-community police.

Is-Sindku wieġbu li għad m'ghandux data ghal din il-laqgha.

16.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

16.3.1 **<u>Christmas Village 5, 6 u 7 ta' Diċembru 2025:</u>**

Il-bord ser ikun kompost mill-Kunsillier is-Sur John B Camileri, il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri, il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba, l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela u l-Kunsillier is-Sur charlot Mifsud, il-Kunsillier Francis Gilford. Ser nistaqu ukoll lil Viċi Sindku ukoll.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleriq qalet li għandna noħorġu sejħa għal istalls u tiġi ippublikata fuq facebook.

16.3.2 **<u>Għajnuna Insipre:</u>**

Is Sindku spjega li l-Inspire għandhom proġett interessanti ħafna. Saret talba għal fondi mill-Unjoni Ewropeja liema fondi ser jingħataw. Fil-preżent qed jiffaċċjaw problema finanzjarja oħra peress li biex jibda dan il-proġett jridu jiġu rilokati l-l-istallel taż-żwiemel u saret talba sabiex jiġu utilizzati xi fondi mid-dpf funds allokati għalina.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa x'inhu l-ammont li qed jitolbu.

Is-Sindku qal ukoll li tkellem mas-CEO sabiex nallokaw 5000euro fis-sena u l-pool tal-inspire tkun tista tintuża mir-residenti Skaliżi ukoll f'ċertu ġranet u ħinijiet allokati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tad-dpf funds ser issir darba u l-allokazzjoni ta fondi kull sena hija kontinwa u ma taqax mar-responsabbiltajiet primarji tal-kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri issuġġerixxa illi l-Kunsill jissusidja nofs l-ammont tal-*membership*.

Il-Kunsill qabel li issir laqgħa magħhom.

16.3.3 **<u>Dar tal-Anzjani Triq Sant Antnin ma Triq iż-Żafran:</u>**

Is-Sindku qal li tkellem mal-Perit Avallino fejn ppreżenta pjanta li bagħat il-Perit u spjega li hemm parti li diġa hija mibnija u parti li hija ODZ.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li kull fejn hemm ODZ il-Kunsill qabel li ma jsirx żvilupp.

Il-Kunsill baqa bl-istess pożizzjoni anke fid-dawl tal-fatt li iż-żmien tas-sottomissjonijiet mil-pubbliku kien laħaq għalaq.

16.3.4 **International Band Fest**

Is-Sindku qal li saret laqgħa flimkien mal-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba u s-Sur Noel Castillo rigward International Band fest fejn ser ikun hemm 4 baned different inkluż tagħna. Huwa kompla jispjega li bħala spejjeż mill-Kunsill ser ikun ftit ilma u l-banda tal-lokal li ser tiswa €1900, l-event ser issir fejn il-Kunsill li tattira madwar 500 ruħ.

Kien hemm qbil dwar dan

16.3.5 **Forum Ambaxxata Ċiniża**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsilliera John B Camilleri u Charlot Mifsud attendew forum fuq il-waqa tal-faxxizmu. Huwa kompla jispjega li l-għada tkompla dan il- forum raw dokumentarju ta' qsim ta` qalb fuq l-għarqa tal-vapur mimli prigunieri Amerikani (POW) li jismu Lisbon Maru.

16.3.6 **Syposium:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li kien hemm konkorrenza tajba u kien avveniment ta' suċċess u irrigrazjat lil kull minn setgħa jgħin u l-quddiem nistgħu nkomplu ngħamlu attivitajiet simili u talbet sabiex il-filmati jittellghu fil-*website* tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li problema sabiex bħala videos jitilu fuq il-website u facebook jsegwuh iktar nies.

16.3.7 **Monument Angel Gabriel.**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba talbet jekk jistax jsir monument.

Is-Sindku qal li kif jinbena ix-xogħol tal-Jerma jista jsir.

Kien hemm qbil li ma jsirx għalissa.

16.3.8 **Jum Marsaskala 2025:**

Is-Sindku qal li Jum Marsaskala kien tajjeb u li kulhadd ipparteċipa b'xi mod fil-quddies. Huwa qal li wara kien hemm tberik tal-annimali u tqassmu kukkardi fuq il-pets preżenti fejn tqassam ukoll rikonoxximent il-Fr. Roderick Camilleri, żewġ kapijiet tal-iskola Ms Grech u Ms Cachia kif ukoll l-Miss Jessica Kim u filghaxija saret Lejla Ciniża mtella mill-għaqda ta' Ħbieberija bejn Malta u Ċina fejn tagħha huwa l-Viċi President.

Huwa kompla jispjega li flimkien mal-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri filgħaxija tkellmu ukoll mal-Ministru Pakistan responsabbli miż-żgħażagħ

16.3.9 **Laqgħa ma Miss Solidarity Queen:**

Is-Sindku qal li kellu laqgha ma' Miss Solidarity Queen Jessica Kim rigward donazzjoni ta' kotba żewġ skejjel tagħna. Huwa qal li hi flimkien ma omma ser jagħtu donazzjoni ta' €800 lill kull skola biex jinxtraw kotba għall jum iċ-ċelebrazzjoni u stationary ieħor. Huwa qal li ser jinfurmahom meta ssir l-għotja ħalli jingħata wkoll gieħ Marsaskala l-Principal is-Sur George Psaila.

16.3.10 **<u>Siġra Triq ix-Xatt:</u>**

Is-Sindku qal li iltaqa mas-Sur Josef tal-Corner View u qallu biex il-Kunsill jimmarka eżatt fejn ġejja s-siġra u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri immarkaha eżatt fejn trid tiġi. Huwa qal li talbu li s-siġra titħawwel wara li jsir il-bini.

16.3.11 **<u>Proġett Aħdar (minflokk l-impjant):</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kellhom laqgħa *on site* rigward il-proġett aħdar ġewwa Sant' Antnin, mal-Ministru Dalli u CEO Bilocca fejn qal li l-proġett miexi ħafna.

16.3.12 **<u>Monument San Lażru ta' Jerusalem:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsilliera John B Camilleri u Charlot Mifsud tkellmu mad-diżinjatur ta' dan il-monument is-Sur Alan Magro

16.3.13 **<u>Fondi Douzelage:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mas-Sinjura Rebecca Micallef kellhom laqgħa ma Andrea Camilleri tal-SEM fuq il-fondi tad-Douzelage. Huwa qal li l-applikazzjoni ġiet sottomessa u jidher li hemmċans tajjeb li niksbu l-fondi u qed jsiru il-preparamenti neċessarji. Tema tal-konferenza hija waħda nteressanti ħafna *'Domestic Violence and Victim Suppost'.*

16.3.14 **<u>Ħofra San Tumas:</u>**

Il-kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li fejn qed tinzel it-triq f'San Tumas huwa tkellem mal-Perit u ser jibgħatlu imejl u hemmek ser jsir il-proġett u ser jiċċekja minn kien għamel it-triq u f'Ottubru għandu jitkompla ix-xogħol fil-bajja.

16.4 ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>***

16.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**16.5** ***<u>Rapporti:</u>***

Ma kienx hemm rapporti

**16.6** ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Ma kienx hemm items oħra

**16.7** ***<u>Korrispondenza:</u>***

**16.7.1** **<u>Request for Zebra Crossing in San Gwakkin Road Marsaskala</u>**

Il-Kunsill iddiskuta din il-komunikazzjoni u fejn qed tintalab li issir din iz-zebra crossing u ġie irrimarkat li fejn hemm is-soft area ma hemmx bankina fuq naħa minnhom u għaldaqstant ma jistax jinħareġ l-approvazzjoni minn Transport Malta.

Il-Kunsill iddeċieda li jekk issir bankina il-quddiem tigi kunsiderata li issir zebra crossing.

**16.7.2** **<u>Partecipazzjoni tal-Banda Santa fl-24 ta' Ottubru 2025 (35/2305/25/I)</u>**

Din diġa ġiet diskussa iktar kmieni

**16.7.3** **<u>Hinijiet tal-ġbir tal-iskart (35/2185/25/O)</u>**

Din diġa ġiet diskussa iktar kmieni

**16.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 16:***

**16.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta invoices li daħlu tard:

| Supplier | Inv No | Description | Amount |
|---|---|---|---|
| JimmyMuscat | 08/25 | Bulky Refuse August 25 | €3147.76 |
| Soundtech Malta Ltd | INV0517 | Main Stage Minn Pjazza ghal Pjazza | €3245.00 |
| Audio System Malta | 3761 | Stage and Lighting and power Minn Pjazza ghal Pjazza | €4659.82 |
| J&P Grech | 159394 | Consumables | €17.40 |

**16.8.2** Il-Kunsillier is-Sur Jon B Camilleri satqsa fuq pagamenti numri 7607 u 7640 jekk hux ser niġu rifużi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser nirċievu l-flus.

**16.8.3** Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

**16.9** ***Mozzjonijiet:***

**16.9.1** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 049-9/9/25)***

Jipproponi li nitolbu lil trasport pubbliku jinstallaw Bus shelter fi Triq il Qaliet bejn ic-Cerviola Hotel u dak li hemm qabel tinżel ghal Fajtata.

Il-Kunsill qabel sabiex jiġi ċċekjat sejn hemm spazju biżżejjed biex isir dan il-bus shelter.

**16.9.2** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 050-9/9/25)***

Jipproponi li niddiskutu għal *traffic management* aħjar fi triq min fejn il Jerma lejn Triq il-Qaliet.

Il-Kunsill qabel li Triq Philip De Vendone issir one way tinżel minn Triq il-Qaliet, direzjoni lejn Triq ir-Ridott u l-ħruġ isir biss mit-triq bla isem lejn Triq il-Qaliet.

**16.9.3** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Jesmond Abela u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 051-10/9/25)***

Jipproponi sabiex issir pedestrian crossing fi Triq Sant Anna n-naħa tal-ispiżerija.

Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni quddiem is-Shik Apartments.

**16.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 16 ta' Settembru 2025.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ___________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |